Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

**Seduta numru 40 tas-7 Leġislatura**
**It-Tnejn, 7 ta' Marzu 2016**

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 40 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar it-Tnejn 7 ta' Marzu 2016, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Ftuħ ta' l-Offerti għall-Proġett ta' Town Twinning
5. Preparamenti għall-Proġett tal-Ġemelaġġ
6. Affarijiet Mixxellanji

Għall-din is-Seduta kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku Eman Vella u il-Kunsilliera Clayton Gauci, Mario Sammut u Elizabeth Ebejer, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Is-sede ta' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ huwa preżentement vakanti.

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Paul Vella.

## 1 Minuti

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati.

## 2. Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Korrispondenza mingħand Dr Antoine Chircop dwar bżonn ta' linja safra fit-triq tiegħu. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li dan ma jsirx.

2.4 Is-Sindku informa li kien irċieva ittra mill-Kummissjoni Festa Santa Marija bi' proposta li l-gabani tal-ikel jibdlu posthom. Il-Kunsill ser ikun qed jiddiskuti aktar tard.

**3. Komunikazzjonijiet**

3.1 Is-Sindku informa li x-xogħol fuq l-aperturi tal-librerija pubblika kienu saru u tlestew. Issa ser jinbidel il-bieb peress li fih ħafna ħsarat u ser issir purtiera ġdida wkoll.

3.2 Is-Sindku informa li kienet saret l-aħħar laqgħa tat-taħditietdwar l-Imġarr. L-attendenza matul is-serje kollha kienet waħda pożittiva.

3.3 Is-Sindku informa li kienet saret laqgħa ta' konsultazzjoni dwar imanniġjar tat-traffiku. fi' Triq il-Majjistral il-Kunsill semma' ir-rispons tan-nies u ddeċieda li tiġi two-way b' żewġ traffic calmers b' żewġ timed-traffic lights f' kull tarf tagħha. Dwar il-blokka ta' Triq Santa Marija, Triq Ħaġrat u Triq Sir Harry Luke, il-Kunsill, wara li ħa r-reazzjoni tar-residenti, iddeċieda li it-traffiku jibda' jinżel minn Triq Santa Marija, ta' Ħaġrat u jiżbokka minn Triq Sir Harry Luke f' Wesgħat il-Ġublew.

**4. Ftuħ ta' l-Offerti għall-Proġett ta' Town Twinning**

4.1 Dak in-nhar tas-seduta kienu jgħalqu diversi sejħiet għall-offerti. Għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv, fil-preżenza tas-Sindku u tad-Deputat sindku fetaħ il-kaxxa tal-offerti, li tpoġġew quddiem il-Kunsill. L-offerti li waslu kienu dawn :

- ***Kwotazzjoni MGR Q01/2016* - Servizz ta' Koordinatur tal-Avveniment**
  Il-Kunsill irċieva l-offerti ta' :
  - 3sixty meetings;
  - Leon Productions;
  - OnSite malta;
  - Event Planner Co. Ltd.

  L-aktar offerta vantaġjuża kienet dik ta' OnSite malta u għalhekk il-Kunsill qabel li jilqa' din l-offerta.

- ***Kwotazzjoni MGR Q02/2016* - Servizz ta' Trasport għad-Delegazzjoni Barranija**

Il-Kunsill irċieva l-offerti ta' :
- 3sixty meetings;
- Meli Garage;
- OnSite malta;
- Paramount Garage;
- Malta Transfers.

L-aktar offerta vantaġġuża kienet dik ta' Paramount Garage u għalhekk il-Kunsill qabel li jilqa' din l-offerta.

- ***Kwotazzjoni MGR Q03/2016* - Servizz ta' Akkomodazzjoni għad-Delegazzjoni Barranija**

  Il-Kunsill irċieva l-offerti ta' :
  - 3sixty meetings;
  - Dolmen Resort Hotel;
  - Corinthia Palace Hotel;
  - Event Manager Co. Ltd.;
  - Topaz Hotel.

  L-aktar offerta vantaġġuża kienet dik ta' Topaz Hotel u għalhekk il-Kunsill qabel li jilqa' din l-offerta.

- ***Kwotazzjoni MGR Q04/2016* -Servizz ta' Titjiriet lejn u minn Malta għad-Delegazzjoni Barranija**

  Il-Kunsill ma rċieva l-ebda' offerta għal din l-offerta.

## 5. Preparamenti għall-Proġett tal-Ġemelaġġ

5.1 Il-Kunsill iddiskuta il-punti mqajjmin mid-delegazzjoni Taljana ta' Lagosanto bħala preparamenti għall-wasla tagħhom f' Malta.

5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien f' kuntatt mad-DLG dwar il-ftehim u kien mgħarraf li kienet sere tintbgħat minuta lill-Ministru dwar dan il-ftehim.

## 6. Affarijiet Mixxelanji

6.1 Elizabeth Ebejer semmiet kif gabbana tal-ġelat baqgħet il-Ġnejna matul ix-xitwa. Is-Sindku informa li l-MTA kienu infurmati u kellhom jieħdu il-passi neċċessarji.

6.2 Is-Sindku informa li l-applikazzjoni tal-installazzjoni fi' Triq Ganfra kienet għaddiet għand l-ARMS.

6.3 Clayton Gauci informa li kien hemm wires mgħoddija ħażin mill-Melita fil-Bokka taċ-Ċarċara. Is-Sindku qal li kellu jmur jarahom.

6.4 Elizabeth Ebejer resqet proposta sabiex jerġgħu isiru il-parkings ta' Triq Santa Marija.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fit-8:10pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa, 30 ta' Marzu, 2016, fil-5:00pm.

| | |
|---|---|
| *Cyprian Dalli* | *Paul Vella* |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |